**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 62**
**It-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**ALLOWANCES ADDIZZJONALI**

**3330. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fl-Awtorità li jitħallsu allowances addizzjonali u xi perkaċċi oħra, 'il barra mill-ftehim kollettiv tal-Awtorità u x'inhu l-grad tagħhom?

24/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità tad-Djar għandha erba' ħaddiema li jitħallsu allowance addizzjonali fil-gradi kif imniżżel hawn taħt:

| Grade | Allowance |
|---|---|
| Supervisor | Mobile Allowance |
| 2 Senior Officers | Disturbance Allowance |
| Office Attendant | Miscellaneous Allowance for additional duties |

Dawn l-allowances ilhom jitħallsu sa minn bejn l-2007 u l-2017.

Seduta 62
29/11/2022

**SIĠAR U ARBUXELLI**

**3331. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħawlet siġar u arbuxelli Infrastructure Malta mill-elezzjoni sal-lum?

24/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 62
29/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**3521. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1774 u jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

28/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informzajoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 62
29/11/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**3522. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1761 u jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

28/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista bil-kwalifiki akkademiċi li għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi.

Seduta 62
29/11/2022

### MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET

**3523. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1765 u jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

28/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-kwalifiki akkademiċi li qiegħed jirreferi għalihom huma MBA, LL.B, Dip. L.P., Dip. Not. Pub., LL.D.

Seduta 62
29/11/2022

### AWTORITÀ TAD-DJAR - ĦADDIEMA

**3537. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 1804, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn il-ħaddiema fl-Awtorità tad-Djar ġew impjegati mill-2017 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda? Kemm minn dawn il-ħaddiema tterminaw l-impjieg tagħhom minn mal-Awtorità tad-Djar?

31/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jinnota t-tweġiba mogħtija lilu fil-mistoqsija parlamentari 1803.

Seduta 62
29/11/2022

### SAN ĠILJAN U PACEVILLE – PERSUNI TAĦT L-ETÀ FI STABBILIMENTI

**3867. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid il-pulizija kemm sabu persuni taħt l-età fi stabbilimenti ġewwa Paceville u San Ġiljan?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 62
29/11/2022

### GĦAWDEX – IR-RABAT – TRIQ SAN ĠUŻEPP LABRè – BARRIERS U TAPE TAL-PULIZIJA

**3910. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3633 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22600, tal-leġiżlatura preċedenti, li ngħatat fid-9 ta' Novembru, 2021 dwar ir-raġunijiet għala fix-xhur li għaddew kien hemm il-barriers tal-pulizija u għad hemm it-tape tal-pulizija mdawwar mas-siġar u anke tpoġġew il-blokki tal-konkos f'parti mill-parking biswit Triq San Ġużepp Labrè fir-Rabat Għawdex minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika minħabba struttura perikoluża, fejn kien ġie mwieġeb li " ninformah li d-dipartimenti konċernati qed jaraw li din l-

istruttura tissewwa mill-aktar fis possibbli”, jista’ l-Ministru jgħid x'inhuma r-raġunijiet għala għaddew iktar minn 11-il xahar (issa għaddiet sena) u għadu ma sar xejn? Jista' jgħid jekk intbagħatx perit biex jispezzjona l-periklu li hemm? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tar-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

14/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Perit tal-Gvern intbagħat janalizza l-ħsarat. Mill-ewwel osservazzjonijiet jidher li l-ħsarat huma estensivi. Għal dan il-għan dawn ix-xogħlijiet ta’ konsolidazzjoni u ristrutturar mistennija jkunu inkorporati fi pjan iktar vast għaċ-ċentru tar-Rabat.

Seduta 62
29/11/2022

**GĦAWDEX – KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻEBBUĠ – TENDER BIEX JIĠU RRANĠATI TRIQ TAL-ĦLUQ, TRIQ TAT-TUTIET U TRIQ SAGĦTRIJA**

**3911. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jinforma lill-Kamra u jispjega għala s-sejħa li ħareġ reċentement il-Kunsill taż-Żebbuġ u li kellha tagħlaq f'dawn il-ġranet biex jiġu rranġati Triq tal-Ħluq, Triq ta' Tutiet u Triq is-Sagħtrija ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex ma għadhiex tidher fuq il-website tat-tenders: www.etenders.gov.mt?

14/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ (Għawdex) illi s-sejħa li qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. Interpellant fil-mistoqsija tiegħu, kellha titneħħa sabiex id-dokumenti relatati mas-sejħa ġew aġġornati skont l-aħħar templates hekk kif maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti, u l-offerta reġgħet ġiet ippubblikata fuq is-sistema EPPS (Ref: ZGLC/07/2022).

Intant infurmat li tali sejħa ser tagħlaq nhar is-16 ta’ Jannar 2023.

Seduta 62
29/11/2022

**GĦAWDEX – IR-RABAT – KAMPJUNI TAL-ARJA**

**3912. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il post f'Għawdex hemm, fejn bħalissa qed jittieħdu kampjuni tal-arja biex tiġi studjata l-kwalità tal-arja? Tista' tgħid fl-aħħar ħames snin kemm-il darba ttieħdu kampjuni tal-arja miċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex u b'mod partikulari minn Triq ir-Repubblika? Tista' tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati ta' dawn il-kampjuni li ttieħdu?

14/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li f’Għawdex hemm tnax il-sit (12) u dawn jinsabu f’Għajnsielem, Xewkija, Victoria, Munxar, Xlendi, Fontana, Żebbuġ, Marsalforn, Xagħra, Nadur u żewġ siti fl-Għarb.

Dan il-proċess isir permezz ta’ ‘diffusion tubes’ li huma esposti għal erba’ (4) ġimgħat. Wieħed minn dawn it-tubi jinsab fi Triq ir-Repubblika fir-Rabat fejn l-Awtorità ilha tissorvelja dan is-sit mill-bidu tas-sena 2014. Fl-aħħar ħames snin, l-Awtorità mmonitorjat il-maġġor parti tas-siti għal ħamsa u sittin (65) darba. Minbarra dan it-tip ta’ monitoraġġ, l-ERA tagħmel ukoll monitoraġġ kontinwu f’sit rurali fl-Għarb.

Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-data tal-aħħar ħames snin kif mitluba għas-siti kollha f'Għawdex.

Seduta 62
29/11/2022

**QRATI – MAGISTERIAL INQUIRIES DWAR INĊIDENTI FUQ IL-POSTIJIET TA' KOSTRUZZJONI**

**3954. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' kemm kien hemm magisterial inquiries fuq inċidenti fuq il-postijiet ta' kostruzzjoni mill-2017 sal-lum? Jista' jgħid jekk hemmx każijiet pendenti li għadhom sejrin?

14/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mis-sena 2017 sat-22 ta' Novembru 2022 kien hemm 59 Inkjesti Maġisterjali fuq inċidenti fuq il-postijiet ta' kostruzzjoni; liema minnhom 25 ġew magħluqa u 34 għadhom pendenti.

Seduta 62
29/11/2022

**QRATI – PERSUNI MIXLIJA LI KKAWŻAW ĦSARA JEW MEWT FUQ ĦADDIEMA FUQ IL-POSTIJIET TAL-KOSTRUZZJONI**

**3955. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu persuni quddiem il-Qorti mixlija li kkawżaw ħsara jew mewt fuq ħaddiema fuq il-postijiet tal-kostruzzjoni mill-2017 sal-lum? Jista' jagħti lista ta' x'kienu dawn is-sentenzi u x'multi u/jew kumpens ingħataw lill-vittma jew familjari tal-vittmi, jekk ingħataw?

14/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat illi din it-tip ta' statistika ma tinżamx u sabiex tinġabar tirrikjedi ħafna ħin u riżorsi.

Seduta 62
29/11/2022

**INĊIDENTI FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**3956. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti fuq siti ta' kostruzzjoni rrapportati mill-2017 sal-lum? Jista' jgħid x'kienu dawn l-inċidenti u jekk kienx hemm imwiet?

14/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 2227. Ngħarraf lill-Interpellant li l-istatistika dwar korrimenti fuq il-post tax-xogħol tinżamm mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Seduta 62
29/11/2022

**AWTORITÀ GĦALL-BINI U L-KOSTRUZZJONI – PERSUNI/KUMPANIJI TAL-KOSTRUZZJONI LI KKAWŻAW ĦSARA JEW MEWT FUQ ĦADDIEMA U RESIDENTI**

**3957. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu mill-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni fil-konfront ta' persuni/kumpaniji tal-kostruzzjoni li kienu nstabu li kkawżaw ħsara jew mewt fuq terzi, kemm ħaddiema kif ukoll residenti?

14/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn mindu twaqqfet l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni fit-30 ta' April 2021, kull fejn instab li ġew ikkawżati ħsarat, l-Awtorità żammet il-garanziji bankarji u fejn instab xi nuqqas, ħadet miżuri ta' nfurzar skont il-liġi. Fejn l-Awtorità kienet mitluba, hija assistiet lill-Pulizija fi proċeduri.

Kemm ilha mwaqqfa l-Awtorità ma kien hemm l-ebda każ ta' mewt fuq terzi u residenti.
Kwistjonijiet ta' Saħħa u Sigurtà fuq kull post tax-xogħol inkluż siti ta' kostruzzjoni jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Seduta 62
29/11/2022

**INFRASTRUTTURA MALTA – INVESTIMENT F'BINI TA' ROTOT ĠODDA GĦAR-ROTI**

**3958. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-€35 miljun li se jiġu investiti minn Infrastructure Malta fuq medda ta' ħames snin sabiex jinbnew rotot ġodda għar-roti, biex b'hekk kull min irid jagħmel użu minn dan it-trasport alternattiv ikun jista' jagħmel dan b'mod sigur, se jiġu investiti fil-gżira ta' Għawdex matul il-ħames snin li ġejjin?

14/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment indikat minnu huwa għal Malta. Għal kull investiment simili, fejn hu possibbli, fil-gżira Għawdxija għandha ssir il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 62
29/11/2022

**GĦAWDEX – INFRASTRUTTURA TAL-ISKEJJEL**

**3959. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-infrastruttura tal-Iskejjel ta' Għawdex għadhiex taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tiegħu u jekk le, taħt min ġiet, kemm ilha hekk u x' kienet ir-raġuni li sar dan it-tibdil?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għaċ-ċirkulari maħruġ mill-OPM numru 06/2022.

Seduta 62
29/11/2022

**GĦAWDEX – XEWKIJA – PLAYING FIELD TAL-BARMIL – PROĠETT TA' ECO PARK**

**3960. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra dwar il-proġett ta' Eco Park li kien imwiegħed li kellu jsir mill-Ministeru tagħha fl-area tal-Playing Field tal-Barmil fix-Xewkija, Għawdex? Tista' tgħid jekk dan il-proġett tpoġġiex fuq l-ixkaffa mill-Ministeru tagħha u jekk iva, għala tpoġġa fuq l-ixkaffa?

14/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Inserraħ moħħ l-Onor. Interpellant illi bħalma dan il-Gvern wiegħed l-implimentazzjoni ta' proġetti ħodor b'investiment ta' €700 miljun, dan il-proġett se jkun qed isir, f'ħinu.

Seduta 62
29/11/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – TRAINING PROGRAMMES**

**3986. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 7*) kien li jiġu implimentati training programmes ġodda lil dawk li bdew ir-reklutaġġ tagħhom fil-Korp, jista' l-

Ministru jgħid jekk dawn it-training programmes ġodda bdewx jinħadmu u jekk iva, xi nbidel mit-training programmes li kien hemm qabel?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dwar l-għan numru sebgħa tal-istrateġija, b'mod partikolari fejn jidħol il-programm ta' taħriġ li jingħata waqt ir-reklutaġġ inizjali, il-Korp kien kommess li joħloq programm standard li ma jinbidilx ma' kull sejħa għall-applikazzjonijiet li joħorġu. F'dan ir-rigward, flimkien mal-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati, il-Korp ħadem u fformula programm ta' taħriġ fuq livell MQF4, akkreditat mill-Malta Further & Higher Education Authorty (MFHEA). Dan il-kors illum huwa mqassam fuq perjodu ta' sitt xhur u bis-saħħa ta' dan l-istandard fiss, il-Korp jista' jippjana bil-quddiem ir-reklutaġġi tiegħu. Dan bid-differenza minn żminijiet oħra, fejn peress li l-programm ta' taħriġ ma kienx wieħed fiss, il-perjodu ta' taħriġ kien ivarja minn reklutaġġ għall-ieħor Irid jingħad li wara li jitlesta dan it-taħriġ u r-rekluti jiġu appuntati kuntistabbli ġodda fil-Korp, dawn jiġu assenjati mentor għall-ewwel sentejn ta' servizz tagħhom fil-Korp. Il-mentor jassisti, jassessja u jirrapporta dwar il-prestazzjoni ta' dawn il-kuntistabblijiet ġodda. Bħalissa dan it-taħriġ qiegħed jiġi evalwat bl-għajnuna ta' istituzzjonijiet barranin, bil-għan li t-taħriġ offrut lir-rekluti jibqa' jkun wieħed relevanti u li jikkontribwixxi għal Korp aktar professjonali.

Seduta 62
29/11/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – REVIEW TAT-TAĦRIĠ**

**3987. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 7*) kien li ser jibda jkun hemm "review" tat-taħriġ fil-Malta Police Force, jista' l-Ministru jgħid x'inhu dan ir-review? Jista' jgħid ukoll kif qiegħed u minn meta beda jsir?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dwar l-għan numru sebgħa tal-istrateġija, rigward l-inizjattivi ta' reviżjoni tat-taħriġ, il-Korp jinsab kommess li jwassal l-għola livell ta' taħriġ lill-membri tiegħu, mhux ibbażat biss fuq il-bżonnijiet tal-Korp, iżda b'bażi soda akkademika, biex b'hekk l-istess taħriġ ikollu valur akkademiku li jmur lil hinn mill-operat. Sabiex dan l-għan jintlaħaq, fi Frar tas-sena 2021, il-Korp iffirma Memorandum of Understanding mal-Università ta' Malta biex jikkoperaw flimkien fit-Training Design, u b'hekk wara li l-Korp jidentifika l-bżonnijiet ta' taħriġ, il-programm aħħari jkun wieħed ta' natura akkademika għolja, fuq livelli ta' MQF4 għall-kuntistabblijiet, MQF5 għas-surġenti, MQF6 għall-ispetturi u MQF7 għas-supretendenti. F'dan ir-rigward, fil-ġimgħat li ġejjin ser issir reviżjoni tal-Basic Training Course offrut lir-rekluti mill-UK College of Policing, bil-għan li t-taħriġ mogħti waqt ir-reklutaġġ ikun dejjem aktar relevanti u jipprepara aħjar lir-rekluti għall-missjoni tagħhom fi ħdan il-Korp. Din il-kooperazzjoni qed issir bis-saħħa ta' Memorandum of Understanding ieħor, li l-Korp iffirma mal-British High Commission f'Settembru ta' din is-sena. Huwa ppjanat li meta jiġi mfassal il-pedament u allura t-taħriġ fil-livell ta' MQF4, tkun tista' ssir reviżjoni tat-taħriġ fil-livelli sussegwenti, sa livell ta' supretendent, kif indikat aktar 'il fuq.

Seduta 62
29/11/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – PROGRESSION TRAINING**

**3988. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025- Objective 7*, jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex finalizzat il-"progression training" biex wieħed ikun promoss minn grad għall-ieħor u jekk iva, minn meta beda dan it-training u kemm ġew promossi?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dwar l-għan numru sebgħa tal-istrateġija, fuq taħriġ għall-finijiet ta' promozzjonijiet, il-Korp tal-Pulizija huwa kommess li wara kull sejħa għal applikazzjonijiet għal promozzjoni, joffri t-taħriġ professjonali neċessarju. F'dan ir-rigward, bi sħubija mal-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati (ADF), il-Korp joffri taħriġ, b'eżami finali li jwassal għall-promozzjoni, lil dawk il-kuntistabblijiet li jkunu applikaw għall-promozzjoni fi grad ta' Surġent, jew dawk li mill-grad ta' Surġent ikunu applikaw għal promozzjoni fi grad ta' Spettur. Kif jaf l-Onor. Interpellant, il-kors għal promozzjoni fi grad ta' spettur ikun miftuħ ukoll għall-applikanti esterni, fejn persuni minn barra l-Korp jingħataw l-opportunità li japplikaw ġaladarba jkollhom il-kwalifiċi fil-livell MQF 6. Barra minn dan, wara li jitlesta b'suċċess il-kors għall-promozzjoni fil-grad ta' Spettur, l-istess parteċipanti jkomplu t-taħriġ tagħhom għal Diploma in Policing, f'livell MQF5 il-grad mill-Universita ta' Malta fuq sentejn abbażi part time. Wara li fi Frar tat-2021 ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Korp, l-Akkademja u l-Universita, bl-assistenza ta' istituzzjonijiet barranin, għaddejja reviżjoni ta' dan il-progression training, bl-ewwel reviżjoni speċifikament iffukata fuq il-Basic Training Course, immirat għar-rekluti l-ġodda. L-għan aħħari huwa li barra li t-taħriġ offrut jipprepara l-uffiċjali għall-ħidma tagħhom, it-taħriġ ikun akkreditat ukoll.

Seduta 62
29/11/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – FAMILY-FRIENDLY MEASURES**

**3989. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 8*) kien li jiġu introdotti "family-friendly measures" biex jinħoloq bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja u li jinħolqu opportunitajiet u ugwaljanza bejn is-sessi fil-Malta Police Force, jista' l-Ministru jgħid jekk din il-policy hux qed titħaddem u liema huma l-"family-friendly measures" li bdew jitħaddmu? X'inhuma l-miżuri introdotti biex jinħolqu opportunitajiet u ugwaljanza bejn is-sessi?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fuq l-għan 8 tal-istrateġija, il-ħaddiema tal-Korp tal-Pulizija jibbenefikaw mill-istess 'family friendly measures' bħal-kull ħaddiem tas-Servizz Pubbliku, kif stipulat fil-Public Service Management Code (PSMC). L-ugwaljanza bejn is-sessi issaħħet billi tneħħiet il-gender marker li kienet teżisti fil-gradi ta' kuntistablijiet u surġenti, u speċifikament il-Woman Police Constable u Woman Police Sergeant. L-applikazzjonijiet u sejħiet m'għadhomx jiddistingwu bejn is-sessi, inkluż dawk ta' sejħiet interni, li fil-passat xi wħud kienu predominati għas-sess maskil, bħal pereżempju sejħiet għal uffiċjali fit-taqsima tat-Traffiku bil-mutur u t-taqsima tal-Klieb. F'dawn it-taqsimiet illum hemm jaqdu d-doveri. kemm uffiċjali rġiel, kif ukoll nisa. Il-Korp huwa miftuħ għal min ma jidentifikax maż-żewġ sessi tradizzjonali, u jippreferi jidentifika ruħu bħala gender-neutral, non-binary u jinkludi membri transesswali.

Seduta 62
29/11/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – TITJIB FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**3990. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 8*) kien li ser jittieħdu miżuri biex jitjieb il-post tax-xogħol bil-għan li l-pulizija jkollu ambjent aħjar u b'hekk jagħti servizz aħjar lill-pubbliku, jista' l-Ministru jgħid fejn sar dan it-titjib fuq il-post tax-xogħol u liema għases tal-pulizija ġew irranġati u x'kienet l-ispiża biex jiġu rranġati dawn l-għases u meta saru dawn ix-xogħlijiet?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi miżuri biex jitjieb il-post tax-xogħol bil-għan li l-pulizija jkollu ambjent aħjar u b'hekk jagħti servizz aħjar lill-pubbliku hija prijorità, u ngħatat spinta minn meta tħabbret l-istrateġija, tant li fis-sena 2020 sar xogħol u/jew rinnovazzjoni konsiderevoli mhux fl-għases biss imma f'diversi taqsimiet oħra tal-Korp. Fost dawn hemm l-għassa ta' Marsalforn, dik ta' Raħal Ġdid, il-Furjana, tas-Sliema, żewg binjiet fejn ser jiġu stabiliti is-sezzjonijiet taċ-ċiberkriminalità u estenzjoni ta' dik tal-forensika, xogħol f'binja ġdida għat-taqsima tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Pulizija, xogħol fit-taqsima tal-RIU u l-garaxx

tal-pulizija, rinnovazzjoni tal-uffiċini tas-CIAU kif ukoll dawk tal-FCID. Dan barra milli f'dan il-perjodu tkompla jew qed ikompli xogħol ta' rinovar ta' għasses u sezzjonijiet oħra, inkluż it-tkomplija tal-għassa ta' Marsascala u l-akkwist tal-għassa ta' Marsaxlokk, waqt li kontinwament jibda xogħol ieħor skont il-bżonn, inkluż proġetti infrastrurali oħra li hemm previsti u manutenzjoni kontinwa.

Seduta 62
29/11/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – SHIFT PATTERNS**

**3991. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 8*) kien li ser jinbeda proċess biex jiġu żviluppati "shift patterns" li jikkumplimentaw il-bżonnijiet organizzattivi fil-Malta Police Force, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-proċess bediex? Jekk iva, liema miżuri ttieħdu biex jagħtu gwida ta' deployment u ppjanar fil-Korp?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dwar l-għan 8 tal-istrateġija, fis-sena 2020, il-Korp ġie rristrutturat b'mod, li kull dipartiment jopera f'erba' mudelli ta' xift. Dan jaċċerta li f'kull xift, l-uffiċjali dejjem jaħdmu mal-istess tijm ta' kollegi, kemm fix-xogħol proprju tagħhom, kif ukoll ma dawk f'taqsimiet oħra, li ħafna drabi jiġu f'kuntatt dirett magħhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dan jippermetti aktar koordinament bejn it-taqsimiet rispettivi peress illi uffiċjali minn taqsima jew distrett partikolari, ikunu jafu minn qabel, min ikunu l-kollegi f'taqsimiet oħra fl-istess xift. L-iStaffing & Major Events Unit hija taqsima ċentralizzata riċentement u hi responsabbli għall-ħruġ tal-iskedi u r-rosters tal-uffiċjali tal-Korp. Bis-sistema ta' dawn ix-xiftijiet din tiffaċilita l-proċess sabiex jiġu allokati r-riżorsi kif meħtieġ, irrispettivament mid-dipartiment fejn joperaw l-uffiċjali. Dan ippermetta wkoll li l-iskeda tax-xogħol ta' kull uffiċjal tkun disponibbli jumejn bil-quddiem. Is-sistema anke għenet biex jiġi ko-ordinat it-tqassim ta' uffiċjali f'avvenimenti kbar, u kuntrarju għal xi avvenimenti passati, l-uffiċċjali setgħu jaħdmu bl-inqas piż u b'perjodi ta' mistrieħ diċenti, u dan bħal meta riċentement kien hemm żewġ avvenimenti kbar, u ċjoè l-miġja tal-Papa u l-elezzjoni ġenerali.

Seduta 62
29/11/2022

**KEMMUNA – ENCROACHMENTS - INFURZAR**

**4043. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3829, fejn il-Ministru wieġeb li uffiċjali tal-Infurzar fi ħdan l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu jkunu fuq il-post f'Kemmuna "sabiex jiżguraw li jitħarsu l-kundizzjonijiet imposti", jista' l-Ministru jgħid x'inhuma dawn il-kundizzjonijiet imposti?

15/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kundizzjonijiet jimponu li l-operant jopera fiż-żonakonċessa matul il-ħinijiet stabbiliti, li l-prezz tal-kiri tad-deckchairs u umbrelel ikun viżibbli, li jipprovdi waste binsu li ma jtellax strutturi temporanji/permanenti fiż-żona konċessa.

Seduta 62
29/11/2022

**LEGAL REFORM FOR THE TOURISM INDUSTRY**

**4259. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3717, jista' l-Ministru jispjega r-raġuni għad-dewmien sabiex titressaq quddiem din il-Kamra liġi bbażata fuq il-White Paper '*Legal Reform for the Tourism Industry*' li ġiet ippubblikata fl-2016, li l-Ministru oriġinarjament kien qal li kellha titressaq għad-diskussjoni qabel il-vaganzi tas-sajf tas-sena preżenti, u sussegwentement qal li se tkun qed titressaq matul is-sena d-dieħla?

22/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-settur tat-turiżmu huwa settur dinamiku li ra tibdil radikali fi żmien il-pandemija. Qed inkunu analitiċi u metikolużi ħalli nassiguraw illi ntellgħu għad-diskussjoni abbozz robust li jindirizza il-ħtiġijiet tal-industrija.

Seduta 62
29/11/2022

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SPEZZJONIJIET FUQ IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

**4260. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru ispezzjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet fuq imwejjed u siġġijiet bejn l-1 ta' Ġunju u l-aħħar ta' Ottubru ta' din is-sena, indikati xahar b'xahar u skont il-lokalità?

22/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' spezzjonijiet li saru mill-Awtorità tal-Artijiet fuq imwejjed u siġġijiet li saru fil-perjodu indikat.

Seduta 62
29/11/2022

**MTA - ISPEZZJONIJIET FUQ IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

**4261. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3716, jista' l-Ministru jgħid kemm ittieħdu azzjonijiet riżultat tal-ispezzjonijiet li saru mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, u jindika x'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

22/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kif spjegat diġà fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 3716, terġa' ssir spezzjoni ulterjuri biex jiġi assigurat li l-operatur mexa mal-istruzzjonijiet li kien ingħata. Mill-ispezzjonijiet li saru kien hemm żewġ operaturi li weħlu multi amministrattivi kif stipulat fil-liġi kkonċernata.

Seduta 62
29/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**4262. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3716, jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-kopja tal-beach concessions fil-bajjiet ta' Kemmuna li ntalbet biex titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra hija ta' natura kummerċjali sensittiva?

22/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-mistoqsija parlamentari 3716 hija dwar spezzjonijiet li għamlet l-MTA fuq imwejjed u siġġijiet u mhux dwar kuntratti. Għaldaqstant nitlobha sabiex tikkwota l-PQ korretta.

Seduta 62
29/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS – PUBLIC TENDER**

**4263. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2211, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tliet beach concessions fil-bajjiet ta' Kemmuna ngħatawx permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti? Jekk iva, jista' jgħid meta din kienet ippubblikata?

22/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet, mill-1 ta' Jannar 2018, kienet ikkonċediet b'kiri, is-siti referuti f'Kemmuna, lill Awtorità Maltija tat-Turiżmu. sabiex tiġġestixxihom hi. Il-kirja tkopri perjodu ta' 15-il sena. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 62
29/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS – SITE PLANS**

**4264. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Filwaqt li għaddejjin ir-reviżjonijiet fuq is-site plans tal-konċessjonijiet mogħtija fil-bajjiet ta' Kemmuna, jista' l-Ministru jippubblika s-site plans tal-konċessjonijiet li hemm bħalissa?

22/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 62
29/11/2022

**SANTA LUĊIJA – PERSUNI RESIDENTI LI BBENEFIKAW MILL-IN-WORK BENEFIT**

**4283. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3503 u jinforma lill-Kamra kemm persuni residenti Santa Luċija bbenefikaw mill-In-Work Benefit tul din is-sena 2022 s'issa u kemm kien l-ammont ta' flus li ġew imħallsin?

22/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnu hija kif tider fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Benefiċjarji tal-IWB | Ammont imħallas sa 11/11/22 |
|---|---|---|
| Santa Luċija | 44 | €33,644.01 |

Seduta 62
29/11/2022

**GUDJA – PERSUNI RESIDENTI LI BBENEFIKAW MILL-IN-WORK BENEFIT**

**4284. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3505 u jinforma lill-Kamra kemm persuni residenti l-Gudja bbenefikaw mill-In-Work Benefit tul din is-sena 2022 s'issa u kemm kien l-ammont ta' flus li ġew imħallsin?

22/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnu hija kif tider fit-tabella t'hawn taħt:

| **Lokalità** | **Benefiċjarji tal-IWB** | **Ammont imħallas sa 11/11/22** |
|---|---|---|
| Gudja | 30 | €18,083.22 |

Seduta 62
29/11/2022

**RAĦAL ĠDID - PJAZZA ANTOINE DE PAULE – XOGĦLIJIET**

**4286. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2928, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li qed jaħdmu id f'id sabiex fl-aħħar il-Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid, tiġi rranġata kompletament?

22/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ir-risposta tinghata f'seduta oħra.

Seduta 62
29/11/2022

**FGURA -TRIQ IL-KAMPANELLA – ŻBROFF TA' DRENAĠĠ**

**4287. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1198, tista' l-Ministru tgħid jekk ix-xogħol fi Triq il-Kampanella, Fgura, li ġie hemm indikat sarx jew jekk huwiex ser isir?

22/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fil-mument għaddejjin ix-xogħlijiet imsemmija bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta.

Seduta 62
29/11/2022

**ĦAL TARXIEN – BERĠA TAS-SAĦĦA – SERVIZZI PPROVDUTI**

**4288. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni attendew għas-servizz provdut fil-Berġa tas-Saħħa ta' Ħal Tarxien tul din is-sena 2022? Jista' jgħid x'servizzi mediċi ġew provduti u possibbilment jindika f'liema ġranet ser tkun miftuħa tul is-sena li ġejja?

22/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illifil-Berġa tas-Saħħa ta' Ħal Tarxien minn meta nfetħet fid-19 ta' Marzu 2022 sal-21 ta' Novembru 2022 attendew 2,840 persuna. Servizzi pprovduti kienu ta' Tabib, Infermiera, Fiżjoterapija, Podjatrija, Social Worker, Nutrizzjonista, Flebotomija, Saħħa Mentali għat-Tfal u ż-Żgħażagħ u servizz tal-Iskoljożi.

Seduta 62
29/11/2022

**FGURA – TRIQ IL-KAMPANELLA – XOGĦLIJIET**

**4289. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk tul is-sena li ġejja huwiex ser isir ix-xogħol li kien previst fi Triq il-Kampanella, Fgura?

22/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol f'din it-triq beda fix-xahar ta' Novembru. Ix-xogħlijiet minn Infrastructure Malta biex tinbena mill-ġdid din it-triq ser jinkludu bdil ta' servizzi tad-drenaġġ, ilma, telekomunikazzjoni u bini ta' bankini ġodda. Wara jibda x-xogħol ta' tqaxxir tal-wiċċ l-antik tat-triq sabiex isirilha wiċċ ġdid b'diversi saffi t'asfalt.

Seduta 62
29/11/2022

**PBS – PREŻENTATURI LI QED JAGĦMLU PROGRAMMI FUQ TVM U TVM NEWS**

**4323. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jippubblika u jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra r-remunerazzjoni li qed jieħdu l-preżentaturi, li d-dettalji dwarhom qed jintbagħtu separatament, li mhumiex impjegati tal-PBS iżda qed jagħmlu programmi fuq TVM u anke fuq TVM News+?

22/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija ta' natura kummerċjali.

Seduta 62
29/11/2022

**PBS – EŻERĊIZZJU TA' COST CUTTING INTENSIV INTERNAMENT**

**4324. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jikkonferma li minn Ottubru tas-sena 2022 beda eżerċizzju ta' cost cutting intensiv internament fil-PBS biex jitnaqqsu l-ispejjeż, fejn jidher li anke l-overtime tal-ħaddiema tnaqqas drastikament? Għaliex sar dan? Jista' jkun hemm indikazzjoni li s-sena finanzjarja 2022 se terġa' tagħlaq bi żbilanċ għall-PBS?

22/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-PBS qed issir reviżjoni tal-operat biex tiżdied l-effiċjenza u l-valur miżjud.

Seduta 62
29/11/2022

**PBS – SISTEMA ĠDIDA TAT-TELAIXO**

**4325. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid minn fejn inxtrat u kemm swiet is-sistema l-ġdida tat-Telaixo li biha l-ħaddiema tal-PBS jippanċjaw b'mod elettroniku in u out, u jekk inġabrux quotes qabel intgħażlet din is-sistema? Jista jgħid ukoll mingħand min inġabru dawn il-quotes?

22/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-PBS imxiet mal-proċeduri tal-procurement stabbiliti sabiex inxtrat is-sistema ta' Talexio. Din kienet waħda mill-miżuri li l-PBS ħadet sabiex tiżdied l-effiċjenza.

Seduta 62
29/11/2022

**PBS - PROGRAMM MUSTAĊĊUNI – ĦLAS GĦALL-PRODUZZJONIJIET**

**4326. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu qed jitħallsu għall-produzzjonijiet tal-programm Mustaċċuni fl-iskeda li għaddiet Ottubru 2021 - Mejju 2022? Kemm tħallsu l-producer, il-preżentatur, kontributuri u kemm kienet tiswa l-produzzjoni permezz tal-Outside Broadcasting Unit tal-PBS kull ġimgħa li sar il-programm, li issa m'għadux isir?

22/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija ta' natura kummerċjali.

Seduta 62
29/11/2022

**PBS – SPIŻA FUQ PROGRAMMI**

**4327. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm ġew jiswew lill-PBS programmi, anke dawk li kienu b'ko-produzzjoni ma' media houses privati jew ma' producers individwali, tul l-iskeda Ottubru 2021 - Mejju 2022, is-segwenti:

Lenti;
Carter jirrapporta;
Ninvestigaw x'qed nieklu;
Moħħok hemm;
Xtra;
Xtra Sajf;
Insights;
U Ejja;
Sibtek;
SportLive+;
Sport Għawdex;
GFA Round; u
Motorsmt?

22/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija ta' natura kummerċjali.

Seduta 62
29/11/2022

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY - KORRISPONDENZA**

**4340. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Gvern Malti u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-tibdil li tħabbar aktar kmieni din is-sena fil-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate? Jista' jippubblika wkoll l-approvazzjoni li ngħatat mill-Kummissjoni Ewropea?

22/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 62
29/11/2022

**RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**4342. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew irrappurtati każijiet ta' vjolenza domestika, sena b'sena, mill-2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 62
29/11/2022

**FONDI ALLOKATI GĦAL XIRI TA' VETTURI ELETTRIĊI**

**4359. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-istqarrija tad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tas-Servizz Pubbliku, fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi allokati għal xiri ta' vetturi elettriċi minn dawk li qegħdin f'pożizzjoni ta' headship għas-sena 2023?

23/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull Ministeru u Dipartiment responsabbli għall-ġestizzjoni tal-fondi allokati fl-Estimi għall-2023, se jkun qiegħed jippjana n-nefqa tiegħu sabiex, fost infiq ieħor, jiddedika fondi neċessarji biex isir ix-xiri ta' vetturi elettriċi skont l-istqarrija imsemmija.

Seduta 62
29/11/2022

**KUNTRATTI MA' DJAR RESIDENZJALI PRIVATI**

**4360. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratti kollha relatati mal-ftehim eżistenti *vis-à-vis* il-kura tal-anzjani fi djar residenzjali privati li qed jitħaddmu mill-Gvern?

23/11/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma jeżistu l-ebda djar residenzjali privati li qed jitħaddmu mill-Gvern.

Seduta 62
29/11/2022

**KUNTRATTI MA' DJAR RESIDENZJALI PRIVATI**

**4361. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratti kollha relatati mal-ftehim eżistenti *vis-à-vis* il-kura tal-anzjani fi djar residenzjali privati li qed jitħaddmu mill-Gvern?

23/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 62
29/11/2022

**ESTIMI FINANZJARJI 2023 – INFORMAZZJONI DWAR LINE ITEM 7256**

**4362. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni dettaljata dwar kif fl-Estimi Finanzjarji 2023, f'paġna 433, fl-appendiċi '*Multi-year Projections of Capital Expenditure (excluding EU Funds) for items exceeding €5 million in 2023*', f'line item 7256 hemm miktub li għas-sena 2023 hemm allokat (stima) €11 miljun, iżda mbagħad il-Gvern innotifika lill-Kummissjoni Ewropea li lest jonfoq sa madwar €50 miljun bħala spiża kapitali għall-films barranin? Għalfejn din id-diskrepanza?

23/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Baġit għal din l-iskema huwa l-massimu li jista' jiġi approvat mill-Kummissjoni Ewropea f'sena. L-allokazzjoni fil-Baġit 2023 huwa l-ammont li hu maħsub li ser jintefaq matul is-sena 2023.

Seduta 62
29/11/2022

**ESTIMI FINANZJARJI 2023 – INFORMAZZJONI DWAR LINE ITEM 7256**

**4363. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni dettaljata dwar kif fl-Estimi Finanzjarji 2023, f'paġna 433, fl-appendiċi '*Multi-year Projections of Capital Expenditure (excluding EU Funds) for items exceeding €5 million in 2023*', f'line item 7256 hemm miktub li għas-sena 2023 hemm allokat (stima) €11 miljun, iżda mbagħad il-Gvern innotifika lill-Kummissjoni Ewropea li lest jonfoq sa madwar €50 miljun bħala spiża kapitali għall-films barranin? Għalfejn din id-diskrepanza?

23/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4362.

Seduta 62
29/11/2022

**PBS – PROGRAMM LOVE ISLAND**

**4376. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li l-ispiża biex jittella' l-programm Love Island tal-2006 fuq l-istazzjon ITV ġewwa l-Ingilterra, kienet ta' £12 miljun, jista' l-Ministru jgħid kif se jagħmel il-PBS biex isib fondi meta hu fatt magħruf li f'xahar (it-tul tal-programm) ma jistgħux jinġabru biżżejjed reklami biex ikopri spiża simili? Jista' l-Ministru jassigura li flus il-poplu mhux se jintużaw għal dan it-tip ta' programm, meta l-PBS ma kellux biżżejjed flus biex iżomm programmi bħal Xarabank u oħrajn?

23/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija ta' natura kunfidenzjali.

Seduta 62
29/11/2022

**GĦAQDIET SPORTIVI REĠISTRATI MAL-KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORTS**

**4377. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4177 u jagħti tagħrif dwar in-numru ta' għaqdiet sportivi li huma reġistrati mal-Kunsill Malti għall-Isports, lokalità b'lokalità? F'kull każ, f'liema dixxiplini sportivi huma attivi l-għaqdiet li huma reġistrati mal-Kunsill Malti għall-Isports?

24/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 62
29/11/2022

**IL-MELLIEĦA, L-IMĠARR, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**4378. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4178 u jgħid kemm huma l-persuni li jingħataw benefiċċji soċjali bħala single parents, fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar, separatament għal kull lokalità? Jista' jgħid kemm hu t-total ta' persuni li jingħataw tali benefiċċju bħala single parents?

24/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba minnha hija kif tidher fit-tabella t'hawn taħt:

| SINGLE PARENTS | L-IMĠARR | MELLIEĦA | NAXXAR | SAN PAWL IL-BAĦAR | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| SEPARATI DE FACTO | 2 | 1 | 2 | 12 | 17 |
| DIVORZJATI | 1 | 0 | 1 | 3 | 5 |
| LEGALMENT SEPARATI | 2 | 3 | 13 | 38 | 56 |
| XEBBA/GĦAŻEB | 10 | 22 | 15 | 74 | 121 |
| ARMEL/ARMLA | 0 | 1 | 1 | 1 | 3 |
| **TOTAL** | **15** | **27** | **32** | **128** | **202** |

Seduta 62
29/11/2022

**EŻAMIJIET JEW ASSESSMENTS GĦAL TFAL BI BŻONNIJIET SPEĊJALI**

**4408. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3903 rigward eżamijiet jew assessments għal tfal bi bżonnijiet speċjali, jista' l-Ministru jgħid jekk il-karta livellata hux se tkun standardizzata għal kull student?

24/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 62
29/11/2022

**TA' QALI – PITKALIJA - INVESTIMENT**

**4409. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid liema investiment sar fil-Pitkalija ġewwa Ta' Qali, minn Jannar 2021 sal-ġurnata li qiegħda tiġi mwieġba din id-domanda parlamentari? Fiex kienu jikkonsistu x-xogħlijiet li saru? Liema xogħol ieħor hu mistenni li jsir matul is-sena d-dieħla, fl-istess pitkalija?

24/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta li l-investimenti li saru fil- Pitkalija minn Jannar 2021 sal-lum huma dawn li ġejjin, installazjoni ta' makkinarju ġdid, titjib ta' faċilitajiet, titjib f'infrastruttura, titjib f'infrastruttura tal-IT u tagħmir ieħor.

Għas-sena 2023 qed naħsbu li jsiru dawn l-investimenti bħal, makkinarju għall-ippakkjar tal-basal u l-patata (proċess ta' klassifikazzjoni/gradazzjoni), provvista ġdida tan-netwerk għad-distribuzzjoni fl-istalls tal-Pitkalija, impjant tal-bojler fil-bini tal-ħasil tal-kannestri biex jitnaqqas il-konsum tal-elettriku, titjib fil-PMMS u applikazzjonijiet tal-Artificial Intelligence.

Seduta 62
29/11/2022

**IN-NAXXAR – SISTEMI TAD-DRENAĠĠ**

**4410. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet tal-lokalità tan-Naxxar għandha s-sistema tad-drenaġġ tagħha mqabbda mas-sistema prinċipali li tgħaqqad is-sistema tad-drenaġġ? Tista' tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanti li juru liema partijiet minn din il-lokalità għandha s-sistema tad-drenaġġ ikkomunikata?

24/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tkun aktar speċifika fit-talba tagħha. Dak li qed jiġi mitlub jirrikjedi ammont konsiderevoli ta' ħin biex l-informazzjoni tinġabar u tkun analizzata.

Seduta 62
29/11/2022

**IL-MELLIEĦA – SISTEMI TAD-DRENAĠĠ**

**4411. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet tal-lokalità tal-Mellieħa għandha s-sistema tad-drenaġġ tagħha mqabbda mas-sistema prinċipali li tgħaqqad is-sistema tad-drenaġġ? Tista' tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanti li juru liema partijiet minn din il-lokalità għandha s-sistema tad-drenaġġ ikkomunikata?

24/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tkun aktar speċifika fit-talba tagħha. Dak li qed jiġi mitlub jirrikjedi ammont konsiderevoli ta' ħin biex l-informazzjoni tinġabar u tkun analizzata.

Seduta 62
29/11/2022

**BIRŻEBBUĠA – FTUĦ TA' BERĠA**

**4425. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B' referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2992, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se tinfetaħ berġa fil-lokalità ta' Birżebbuġa u fejn hi proposta li ssir għax fir-risposta tiegħu għall-mistoqsija parlamentari 2911 li għamel referenza għaliha f'din il-mistoqsija parlamentari, ma ġietx imwieġba?

24/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 2911.

Seduta 62
29/11/2022

**BIRŻEBBUĠA – PROĠETT GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAL-IMPJANT TA' SAN LUĊJAN**

**4426. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2991, tista' l-Ministru tgħid meta se jinħareġ it-tender għall-iżmantellar tal-impjant eżistenti f'San Luċjan, meta dan l-impjant ser ikun żmantellat u konsegwentement meta jkun jista' jibda x-xogħol fuq il-Proġett tas-Siċċa f'Birżebbuġa hekk kif kien ġie mħabbar ftit ġranet qabel l-elezzjoni ġenerali li għaddiet?

24/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 2991 fejn hemm spjegat il-proċess li għaddej, ninsab infurmata li bħalissa għaddej il-proċess tat-tender relatat mal-ingaġġ tal-Project Managers u Health & Safety Project Supervision.

Ġaladarba jkun aġġudikat it-tender, u tibda l-ħidma tal-project managers, isegwu l-preparamenti għat-tenders relatati mal-iżmantellar tal-impjant eżistenti f'San Luċjan. Infakkar li l-Outline Decommissioning Plan diġà huwa ppjanat, u maqbul mal-ERA.

Seduta 62
29/11/2022

**ART BARRA Ż-ŻONI TA' ŻVILUPP LI HIJA PROPRJETÀ TAL-GVERN**

**4427. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2988, jista' l-Ministru jgħid jekk mir-rekords li għandha l-Awtorità tal-Artijiet kemm mill-kirjiet li għandha ma' individwi ta' art agrikola tal-Gvern jew ex-knisja huma mikrijin lill-bdiewa full-timers u bdiewa part-timers?

24/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għalkemm l-Awtorità tal Artijiet għandha r-rekords tagħha għal kull kirja li hija tagħti u dwar jekk art tkunx proprjetà tal-Gvern, Ex Knisja jew jekk din il-proprjetà tkunx mikrija jew le informazzjoni dwar jekk persuna tkunx irreġistrata bħala bidwi part-time jew full-time, ma tinżammx fi ħdan din l-Awtorità.

Seduta 62
29/11/2022

**ART BARRA Ż-ŻONI TA' ŻVILUPP LI HIJA PROPRJETÀ TAL-GVERN**

**4428. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2988, jista' l-Ministru jgħid mir-rekords li għandha l-Awtorità tal-Aritijiet, x'area ta' artijiet agrikoli kemm tal-Gvern u ex-Knisja qegħdin b'kirja lill-individwi?

24/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità mhux qiegħda f'pożizzjoni li tipprovdi din l-informazzjoni għaliex is-sistema diġitali ma tippermettix tfittxija abbażi ta' użu daqshekk preċiż u speċifiku tal-proprjetà.

Seduta 62
29/11/2022

**FOOD SAFETY AGENCY – FUNZJONI**

**4429. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2987, jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-funzjoni tal-Food Safety Agency? Kemm tħaddem nies magħha din l-Aġenzija?

24/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-lum ma hemm imwaqqfa l-ebda Aġenzija għas-Sigurtà tal-Ikel, iżda Kummissjoni. Il-Food Safety Commission ġiet trasferita mill-MFH għall-Ministru li tiegħu jiena responsabbli f'April ta' din is-sena, segwita minn pubblikazzjoni tal-Bord relevanti fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Awwissu 2022.

Il-funzjonijiet tal-Food Safety Commission huma elenkati fil-Kap. 449, Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, tat-13 ta' Settembru 2002.

Seduta 62
29/11/2022

**REKLAMAR TAL-PRODOTT LOKALI**

**4430. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 819 u 2985, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-baġit għat-tieni nofs ta' din is-sena f'dak li għandu x'jaqsam ma' reklamar tal-prodott lokali?

24/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 62
29/11/2022

**FSWS - LOOKED AFTER CHILDREN**

**4451. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-istaff complement tal-Looked After Children (LAC) fi ħdan l-FSWS? Kemm irriżenjaw staff mil-LAC minn Jannar 2020 sa Ottubru 2022?

25/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 62
29/11/2022

**BAĠIT 2023 – KONFERENZA STAMPA**

**4452. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-konferenza stampa ta' wara d-Diskors tal-Baġit li saret quddiem Kastilja? Kemm se tigi tiswa l-kampanja ta' informazzjoni dwar il-Baġit 2023?

25/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 3569.

Seduta 62
29/11/2022

**NIES LI TRESSQU L-QORTI FUQ MOĦQRIJA TAL-ANNIMALI**

**4455. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid x'kien in-numru ta' nies li tressqu l-Qorti (sena b'sena mill-2019 s'issa) fuq akkużi li għandhom rabta ma' moħqrija tal-annimali? Jista' jagħti rendikont ta' x'kienu dawn l-akkużi? Jista' jindika jekk dawn il-kawżi għadhomx pendenti jew jekk ġewx ġudikati u jekk ġew ġudikati, x'kienu s-sentenzi li ngħataw?

25/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 62
29/11/2022

**INGAĠĠ TA' ASSISTENTI DIRETTURI U DIRETTURI**

**4471. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ġew impjegati Assistenti Diretturi u Diretturi fl-aħħar erba' snin, sena b'sena, kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel? Jista' jgħid jekk kienx hemm min twaqqaf mill-kariga ta' Assistent Direttur f'dawn l-aħħar erba' snin waqt il-probation jew qabel it-terminu tal-kuntratt u kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel jekk huwa l-każ?

25/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 62
29/11/2022